MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 84/2000/1

**Marianne u Godwin Portanier**

**Vs**

**Tessie Micallef**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettit illi silfet “brevi manu” lill-konvenuta s-somma ta’ Lm4,000, liema flus kellha troddhom lura fis-sajf tal-1999 ;

Premess illi ciononostante, il-konvenuta ma irritornat lura ebda parti mill-flus lilha mislufa ;

Premess illi l-konvenuta giet interpellata tirrifondi dawn il-flus, izda baqghet inadempjenti ;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja d-dispensa tas-smiegh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili – ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, ghandhiex din l-Qorti ;

1. tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lill-atturi s-somma ta’ Lm4,000 (erbat elef liri Maltin) lilha mislufa kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra Interpellatorja tad-19 ta’ Novembru, 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata ta’ din ic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenuta a fol. 9 tal-process fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, u dan ghar-ragunijiet segwenti :

1. Illi preliminarjament il-konvenuta m’hijiex il-legittimu kontradrittrici fil-kawza odjerna stante li qatt ma kien jezisti arrangament kontrattwali ta’ self bejn l-atturi u l-istess konvenuta ;

2. Illi fil-fatt il-flus li allegatament isselfu lill-konvenuta isselfu lil zewg il-konvenuta u/jew lis-socjeta’ High Flyer services Limited li ghad-dejn taghha kien responsabbli esklussivament zewg il-konvenuta;

3. Illi fil-fatt l-istess flus li sselfu lil zewg il-konvenuta u/jew l-imsemmija socjeta’ intefqu minn zewg il-konvenuta ghal dejn li l-istess konvenuta ma kienetx responsabbli ghalih ;

4. Illi s-somma mitluba zgur m'hijiex dovuta fl-interezza taghha lill-atturi stante li minnha ghandhom jitnaqqsu l-elfejn lira Maltija (Lm2,000) self li sar mill-Air Tours plc u mhux mill-atturi, u hlasijiet li kif spjegajt il-konvenuta fid-dikjarazzjoni taghha, hallset il-konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat in-nota tal-konvenuta;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta qed issostni li l-attrici kienet selfet il-flus lill huha biex ihallas id-dejn tieghu u tal-Kumpanija High Flyer Services Ltd. Inoltre qed teccepixxi li parti biss mis-somma mitluba hija dovuta lill atturi billi parti mis-somma harget minn Air tours.

Dwar dina l-ahhar eccezzjoni, Lm2,000 mis-somma mislufa l-attrici kienet uzat flus mill-kont tal-Airtours biex harget *cheque* lill konvenuta u mbaghad irrifondiet lura l-flus dak in nhar stess lill kumpanija imsemmija. Ghalhekk l-ammont ta' Lm2,000 inhareg mill-attrici.

Debitur ma jistax jehles mir-responsabilita' tieghu biex ihallas billi jitfa d-dejn fuq haddiehor. Biex dan isehh irid jirrizulta, mhux biss li l-kreditur ikun infurmat b'dana, imma li accetta dik l-assenjazzjoni (App Cilia vs Frendo Azzopardi 29/2/88).

Fil-kaz in ezami mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici kienet li silfet il-flus lill konvenuta u mhux lill Albino Micallef u dana ghas-segwenti ragunijiet:

Ic-*cheque* ta' Lm2,000 nghata lill u hadithu l-konvenuta u gie iffirmat fuqu mill-konvenuta ara fol. 19.

L-attrici kienet tat il-flus lil-konvenuta u mhux Albino Micallef. Il-konvenuta xehdet li l-attrici kienet taghtha Lm2,000 biex tghaddihom lill Albino u li hi kienet semplicement messaggiera. Dana pero mhux verosimili billi dak in nhar meta suppost hija kienet messaggiera tal flus Albino kien prezenti u *se mai* l-attrici setghet ghaddithom direttament lilu jekk kienu intizi ghalih.

Ghalkemm il-P.L. Mario Mifsud Bonnici jghid li l-attrici kienet qaltlu li kienet silfet il-flus lill Albino Micallef, hu ma kienx prezenti meta sar is-self u skond hu, l-flus, l-attrici kienet tathom lill konvenuta biex taghtihom lill Albino meta fil fatt jirrizulta li ma kienx hemm ghafejn isir dana ghax Albino kien hemm prezenti.

Albino Micallef diga kellu problemi finanzjarji u l-attrici kienet taf li jekk issellfu l-flus ma kienx ser irroddhom lura (dan jammettih Albino Micallef stess).

Mhux verosimili li l-attrici li ma kienitx titkellem ma huha (ammess mill-konvenuta) u kienet taf bid-diffikultajiet finanzjarji tieghu, ser isselfu Lm4,000 bl-ebda speranza li tehodhom lura.

Hu aktar verosimili dak li qalet l-attrici li hija kienet selfet il-flus lill konvenuta ghax dina, li kienet tahdem maghha, kienet qalet lill attrici li riedet il-flus ghal bzonnijiet tal-familja u li qatt ma semmitilha li riedithom ghan-negozju ta' zewgha.

Din ma kienitx l-ewwel darba li l-attrici selfet flus lill konvenuta, u dejjem kienet il-konvenuta li raddet lura l-flus fl-okkazzjonijiet precedenti.

F'dina l-okkazzjoni mill Lm4,000 il-konvenuta hallset Lm250. Ma hemm xejn bil-miktub li dawn thallsu lura minnha bla pregudizzju . Fil-fatt l-attrici lanqas biss accettat li tithallas lura l-Lm4,000 bil-Lm50 fix-xahar

ahseb u ara kemm accettathom bla pregudizzju ghal xi haga.

Albino Micallef xehed li l-attrici lilu personali qatt ma selfitu flus. Hu qal li ma jiftakarx li l-mara tieghu (konvenuta) qatt endorsjat xi *cheques* li kienu hargu f'isiminha. Lanqas ma jiftakar li l-attrici qatt ghaddietlu xi flus kontanti. Hu jaf li l-mara kienet isselfet xi flus minghand l-attrici.

L- iskop tad-dejn li ghamlet il-konvenuta hu irrelevanti. X'ghamlet bil flus ma jinteressax lill attrici. L-attrici kienet selfet il-flus lilha u minghandha tistenna li tithallas lura.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta
u tilqa' t-talbiet attrici
bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni
u b-ispejjes kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------